

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 2.9.2010
KUMM(2010) 452 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2009/023 PT/Qimonda mill-Portugall)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba¹ jippermetti li jintuża l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun, u dan apparti mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-għotjiet mill-EGF huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fis-17 ta' Diċembru 2009, il-Portugall ressaq l-applikazzjoni EGF/2009/023 PT/Qimonda għal kontribut finanzjarju mill-EGF, wara li ngħataw xi sensji f'Qimonda Portugal S.A.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribut finanzjarju skont dan ir-Regolament huma sodisfatti.

TAQSIRA TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

Dejta ewlenija:	
Nru ta' referenza tal-EGF	EGF/2009/023
Stat Membru	Il-Portugall
Artikolu 2	(a)
Intrapriża kkonċernata	Qimonda Portugal S.A.
Fornituri / produttori iktar 'l isfel fil-katina tal-produzzjoni	0
Perjodu ta' referenza	8/6/2009 sa 8/10/2009
Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati	1/12/2009
Id-data tal-applikazzjoni	17/12/2009
Sensji fil-perjodu ta' referenza:	
-- numru totali	519
-- fl-impriża ewlenija	519
-- f'fornituri / produttori iktar 'l isfel fil-katina ta' produzzjoni	0
Sensji qabel / wara l-perjodu ta' referenza:	
It-total tas-sensji	914
Ħaddiema li ngħataw is-sensja fil-mira tal-appoġġ	839
Servizzi personalizzati: il-baġit f'EUR	3 494 532
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF ³ : il-baġit f'EUR	206 500
Nefqa f'persentaġġ għall-implimentazzjoni tal-EGF:	5,6
Il-baġit totali f'EUR	3 701 032
Il-kontribut tal-EGF f'EUR (65 %)	2 405 671

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fis-17 ta' Diċembru 2009 u kienet sostnuta b'tagħrif addizzjonali sat-28 ta' April 2010.
2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-tħaddim tal-EGF kif stipulat fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 u ġiet ippreżentata sal-iskadenza ta' 10 ġimgħat kif stipulat fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Ir-rabta bejn is-sensji u t-tibdiliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali

3. Sabiex tiġi stabbilita rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, il-Portugall għamel referenza għall-falliment tal-kumpanija Ġermaniża multinazzjonali Qimonda AG f'Jannar 2009. Sa tmiem Marzu 2009, Qimonda Portugal, bil-bażi tagħha f'Vila do Conde (ir-reġjun ta' Norte) applikat ukoll għal stat ta' insolvenza. Il-kawża ta' din it-talba kienet il-waqfien totali tal-produzzjoni fil-fabbrika Ġermaniża ta' Qimonda, li kienet il-fornitur tal-materja prima lill-unità f'Vila do Conde, flimkien man-nuqqas ta' ftehim mal-investituri potenzjali li kieku kienu jissoktaw bil-produzzjoni fil-Portugall.
4. L-insolvenza tal-kumpanija Ġermaniża multinazzjonali Qimonda AG sfat minħabba (a) il-kriżi finanzjarja, li kkawżat tnaqqis fl-ekonomija globali u, fil-każ ta' Qimonda, l-effett addizzjonali tat-tnaqqis tal-kapaċità tagħha li tinvesti fl-innovazzjoni u t-tagħmir tal-produzzjoni; (b) id-diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzi fis-swieq tal-kapital u tal-investment, b'riżultat tal-kriżi; (c) il-kapaċità eċċessiva fis-suq tad-Dynamic Random Access Memory (DRAM) li tefgħet pressjoni enormi fuq il-prezzijiet, u ġiegħlet lil għadd ta' kumpaniji jinaqqsu l-produzzjoni jew iżidu l-kontroll fuq l-istokk; u (d) l-investment kbir meħtieġ għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda tal-produzzjoni.

Indikazzjoni tan-numru ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)

5. Il-Portugall ressaq din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jirrikjedi mill-inqas 500 sensja f'perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema li jkun n għataw is-sensja mill-fornituri tagħha jew mill-produtturi involuti fi stadji iktar avvanzati fil-katina tal-produzzjoni.
6. L-applikazzjoni ssemmi 519-il sensja f'Qimonda fil-perjodu mit-8 ta' Ġunju 2009 sat-8 ta' Ottubru 2009. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkolati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji

7. L-awtoritajiet Portugiżi jargumentaw li s-severità tal-kriżi globali tal-kreditu u l-impatt li rriżulta fuq is-swieq finanzjarji kien impossibli li jiġi previst. Qimonda AG, bil-kwartieri ġenerali tagħha fi Munich u stabbilimenti f'għadd ta' pajjiżi madwar id-dinja, kienet fuq quddiem fil-produzzjoni dinjija tal-memorji DRAM għall-inkorporazzjoni fil-kompjuters, is-servers u għadd ta' qarrejja diġitali (qarrejja MP3, telefoni mobbli, kameras tar-ritratti, consoles tal-logħob, eċċ.). L-impjant Portugiż f'Vila do Conde, b'1 700 ħaddiem fl-2007, kien attiv fis-servizzi ta' produzzjoni u inġinerija fil-qasam tas-semikondutturi, u kien jopera partikolarment fl-oqsma tal-assemblaġġ u l-ittestjar tal-prodotti tal-memorja DRAM. L-insolvenza ta' Qimonda

AG f'Jannar 2009 ma kinitx mistennija, billi dak iż-żmien il-kumpanija kienet qed tlesti biex tnedi teknoloġija ġdida.

Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema fil-mira tal-ghajnunna

8. L-applikazzjoni ssemmi total ta' 519-il sensja f'Qimonda matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur. 395 ħaddiem ieħor ngħataw is-sensja f'Qimonda qabel u wara l-perjodu ta' referenza. Mit-total ta' 914-il ħaddiem li ngħataw is-sensja, 839 ntaġhzu biex jirċievu l-ghajnunna. Il-75 ħaddiem mhux fil-mira kienu diġà sabu impjieġ ġdid jew bdew jaħdmu għal rashom, irtiraw, emigraw, jew ma kinux disponibbli għal raġunijiet oħra.

9. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira huwa kif ġej:

Kategorija	Għadd	Persentaġġ
Irgħiel	498	59,4
Nisa	341	40,6
Ċittadini tal-UE	834	99,4
Ċittadini minn barra l-UE	5	0,6
minn 15 sa 24 sena	203	24,2
minn 25 sa 54 sena	627	74,7
Minn 54 sena 'l fuq	9	1,1

Għandu jiġi nnutat li 36,6 % tal-ħaddiema kellhom biss edukazzjoni elementari (disa' snin jew inqas ta' skola) filwaqt li 10,7 % tal-ħaddiema kellhom edukazzjoni post sekondarja jew oġhla. Persuna waħda kellha problema tas-saħħa fit-tul/diżabilità.

10. F'termini ta' kategoriji professjonali, jitqassmu kif ġej:

Kategorija	Għadd	Persentaġġ
General Managers	1	0,1
Professjonisti tax-xjenza tal-fiżika, tal-matematika u tal-ingenierija	59	7,0
Professjonisti oħra	1	0,1
Professjonisti assoċjati tax-xjenza tal-fiżika, tal-matematika u tal-ingenierija	115	13,7
Professjonisti assoċjati oħra	5	0,6
Skrivani	3	0,4
Skrivani li jieħdu ħsieb il-klijenti	1	0,1
Mudelli, bejjieġha u werreġja	1	0,1
Ħaddiema fil-metall, fil-makkinarju u fi snajja' oħra relatati	5	0,6
Operaturi ta' impjanti immobbli u operaturi relatati	1	0,1
Operaturi u muntaturi ta' magni	642	76,5
Ħaddiema fil-qasam tal-minjieri, il-bini, il-manifattura u t-trasport	5	0,6
Total	839	100,0

11. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, il-Portugall ikkonferma li għet applikata, u se tkompli tiġi applikata, politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irgħiel, kif ukoll politika ta' nondiskriminazzjoni matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-EGF u, b'mod partikolari, għall-aċċess fl-EGF.

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu:

12. Qimonda kienet tinsab f'Vilo do Conde, fir-reġjun NUTS II ta' Norte u r-reġjun NUTS III ta' Grande Porto. Ir-reġjun ta' Norte għandu l-oġhla densità tal-

popolazzjoni u huwa l-aktar reġjun industrijalizzat fil-pajjiż, b'konċentrazzjoni kbira ta' industriji tradizzjonali (tessuti, ħwejjeġ, żraben, injam u sufra), flimkien mal-agrikultura (ħalib u nbid Port) u l-itfaċċar ta' xi setturi ġodda bħat-teknoloġiji tas-saħħa. F'dawn is-setturi kollha, hemm predominanza ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs). Ir-reġjun għadu jbati minn bażi baxxa tal-edukazzjoni, li taffettwa partikolarment lill-ġenerazzjoni ikbar fiż-żmien, u minn qgħad strutturali.

13. Fiż-żona kkonċernata, l-awtorità ewlenija hija l-Instituto do Emprego e Formação Profissional (IEFP, I.P.), b'seba' ċentri tal-impjiegi li jieħdu ħsieb il-ħaddiema milquta. L-iktar wieħed importanti minn dawn huwa dak ta' Vila do Conde nnifsu fejn huma rreġistrati 446 mill-ħaddiema. L-imsieħba soċjali, il-kunsilli tal-bliet u l-assoċjazzjonijiet muniċipali huma wkoll attivi bħala partijiet interessati, l-istess bħalma huma għadd ta' universitajiet u ċentri tat-taħriġ.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

14. Il-Portugall jargumenta li r-reġjun ta' Norte qed ibati minn rati oġhla ta' qgħad mill-pajjiż sħiħ u li r-rata tal-qgħad żdiedet sew minn 9,1 % fit-tielet trimestru tal-2008 għal 11,6 % fl-istess trimestru fl-2009. Fl-istess waqt, il-qgħad strutturali issa jirrappreżenta 49 % tal-qgħad totali fir-reġjun ta' Norte. Bejn Jannar u Ottubru 2009, iċ-ċentri tal-impjiegi tar-reġjun ta' Norte rreġistraw fluss medju kull xahar ta' 22 000 persuni qiegħda, u dan huwa l-oġhla fil-pajjiż, u żdied minn 17 600 fl-2008.

Ir-reġjun ta' Norte, fejn seħħew dawn is-sensji, diġà ġie aċċettat għall-appoġġ tal-FGE f'każ preċedenti, EGF/2009/001 PT/Norte-Centro.

15. Jekk wieħed jieħu bħala punt ta' referenza ċ-ċentru tal-impjiegi ta' Povoia do Varzim/Vila do Conde (fejn huma rreġistrati nofs il-ħaddiema fil-mira), hawnhekk il-qgħad irreġistrat żdied b'20,8 % minn Jannar sa Ottubru 2009, persentaġġ li jikkorrispondi għal 1 631 persuna.

16. L-għeluq ta' Qimonda kellu l-impatt immedjat li jżid mal-1 000 ħaddiem mal-ammont ta' persuni fir-reġjun li qegħdin ifittxu impjieg, li diġà kien wieħed kbir. It-telf ta' Qimonda jaffettwa wkoll il-prospetti għall-futur tar-reġjun, li kien jara lil din il-kumpanija bħala suċċess bl-isforzi tagħha biex iddaħħal l-innovazzjoni, l-iżvilupp teknoloġiku u l-internazzjonalizzazzjoni. Qimonda kien irnexxielha tiġbed grupp ta' impjegati kkwalifikati ħafna, u issa r-reġjun jista' jitliffhom sakemm ma jkunx hemm appoġġ immedjat u attraenti għall-opportunitajiet tal-impjieg hemmhekk.

Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandhom jiġu ffinanzjati u analiżi tal-ispejjeż stmati għalih, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

17. Qed jiġu proposti t-tipi ta' miżuri li ġejjin, li kollha jingħaqdu biex jiffurmaw pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati mmirati lejn l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol. Minħabba d-diversità tal-grupp, l-attivitajiet se jibdeu billi jittieħed il-profil tal-persuni kollha qiegħda (839) fiċ-Ċentri tal-Impjiegi, li minnhom 400 se jiġu riferuti lil entitajiet oħra għal informazzjoni ta' segwitu, gwida, medjazzjoni, eċċ.

– Rikonossiment, validazzjoni u ċertifikazzjoni tal-ħiliet: Dan twaqqaf għal 150 persuna. Bl-għajna taċ-Ċentri tal-Opportunitajiet Ġodda (NOC)

rikonoxxuti, il-ħaddiema se jidentifikaw l-għarfien u l-ħiliet akkwistati matul ħajjithom f'kuntesti formali u informali. Flimkien mal-persuni li jagħtu t-taħriġ, dawn se jfasslu pjan individwali ta' tulijiet differenti, li jwasslu għall-validazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-edukazzjoni fil-livell sekondarju.

- It-taħriġ vokazzjonali: Il-ħaddiema se jirċievu l-iktar taħriġ adattat għal-livelli edukattivi u l-ħiliet tagħhom, u dan jgħin视角 biex jadattaw għall-bidla u l-kundizzjonijiet ġodda, u wkoll biex possibbilment jiftħu impjieg jew negozju għal rashom. Parti minn dan it-taħriġ se jingħata fuq bażi modulari, parti se tkun taħriġ lill-adulti għal kwalifiki professjonali ġodda, u parti se tkun taħriġ professjonali speċifiku apposta għall-ħtiġijiet tal-individwi. Il-Portugall jippjana li jinvolvi madwar 250 ħaddiem f'taħriġ bħal dan. Il-korsijiet tat-taħriġ se jiġu implimentati minn għadd ta' ċenti tat-taħriġ rikonoxxuti, inkluż assoċjazzjonijiet settorjali fil-każ ta' taħriġ speċifiku għal dawk is-setturi. Se jingħataw għotjiet għat-taħriġ, l-ikel, it-trasport, l-assikurazzjoni personali kontra l-inċidenti u l-akkomodazzjoni b'limiti u kundizzjonijiet stretti.
- Għotja għat-taħriġ fuq inizjattiva personali: Din għandha tippermetti lill-ħaddiema biex jieħdu sehem f'korsijiet xierqa tat-taħriġ, miftiehma magħhom bħala parti mill-pjan personali ta' impjieg tagħhom, u li jiġu offruti minn istituzzjonijiet approvati tat-taħriġ. Hu stmat li madwar 50 parteċipant se jibbenefikaw minn din il-miżura.
- Appoġġ għas-sejba ta' impjieg mill-persuna nnifisha: Din hija għotja mogħtija lil ħaddiema li, matul l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-EGF, isibu ruħhom b'impjieg ġdid b'kuntratt indefinit jew b'wieħed għal mill-inqas sitt xhur. L-ammont ivarja skont it-tul tal-kuntratt offrut, u jista' jiżjed jekk il-post tax-xoġħol ikun iktar minn 100 km mill-post fejn joqgħod il-ħaddiem. Dan mistenni jingħata lil madwar 80 ħaddiem.
- Inċentiv għar-reklutaġġ: Bl-iskop li jiġi stimulat il-ħolqien ta' impjegi ġodda, jista' jiġi allokat appoġġ finanzjarju lil entitajiet li jħaddmu n-nies li jiffirmaw kuntratti full-time ma' ħaddiem li jkun qed jibbenefika mill-EGF, li jirriżultaw f'żieda effettiva fil-livell tal-impjegi fil-kumpanija. It-tul minimu tal-kuntratt għandu jkun ta' 12-il xahar, u jingħata inċentiv ikbar lil dawk li jimpjegaw ħaddiema b'kuntratti ta' tul indefinit. Huwa mistenni li 100 ħaddiem se jibbenefikaw minn din l-inċentiva.
- Taħriġ fl-intraprenditorija u appoġġ tekniku: Għal dawk il-ħaddiema li jixtiequ joħlqu n-negozji tagħhom, se jiġi organizzat taħriġ fl-għarfien u l-kompetenzi speċifiċi għall-ħolqien u l-ġestjoni ta' negozji żgħar. Il-kontenut u l-iskedi tal-programm se jkunu flessibbli u jiġu adattati skont il-bżonnijiet tal-benefiċjarji. L-attendenza tat-taħriġ hija obligatorja qabel tinħareġ id-deċiżjoni għall-appoġġ tal-ħolqien tan-negozju, ħlief f'każijiet fejn ikun hemm diġà taħriġ jew esperjenza professjonali kkonfermata. L-appoġġ tekniku lill-proġett jinkludi attivitajiet ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-innovazzjoni kummerċjali, it-tnejjija tal-pjan tan-negozju, it-twaqqif tal-kumpanija u s-segwitu tal-proġett matul l-ewwel sena tat-tħaddim tagħha. Hu stmat li 40 ħaddiem se jagħżlu din il-miżura.
- Appoġġ għall-ħolqien tan-negozji: Mat-tlestija tat-taħriġ u t-tnejjija tal-intraprenditorija, il-ħaddiema se jiġu meġġuna b'sussidju mhux rimborsabbli ta'

EUR 20 000 għal kull impjieg maħluq, inkluż dak tal-promotur, sa massimu ta' tlieta. L-impjieg maħluq għandhom jimtlew minn benefiċjarji oħra tal-EGF, jew minn persuni qiegħda fiċ-ċentri tal-impjieg tar-reġjun, u għandhom ikunu full-time b'tul minimu ta' sentejn. Hu stmat li l-40 ħaddiem li tħarrġu fl-intraprenditorija se jagħżlu din il-miżura.

- Prattika fuq il-post tax-xogħol: Din il-miżura għandha l-għan li tipprovdi lill-benefiċjarji tal-EGF b'perjodu ta' referenza fil-post tax-xogħol ladarba jiġi akkwistat livell ta' kwalifika ġdid jew ikunu ġew żviluppanti kompetenzi ġodda f'qasam professjonali ġdid. It-tul tal-prattika se jkun bejn tliet xhur u disa' xhur. Il-benefiċjarji se jirċievu għotja kull xahar, u l-livell tagħha se jiddependi fuq il-livell tal-kwalifiki tagħhom, kif ukoll somma għall-ikel, it-trasport u l-kopertura tal-assigurazzjoni. Huwa stmat 80 ħaddiem se jagħmlu użu minn din l-opportunità ta' Prattika.
 - Pjan ta' integrazzjoni: Il-pjan ta' integrazzjoni se jipprovdi lil madwar 50 ħaddiem b'esperjenza tax-xogħol ta' mill-inqas 30 siegħa kull ġimgħa matul perjodu ta' massimu ta' 12-il xahar. L-għan huwa li dawn il-ħaddiema ma jtilfux il-kuntatt mal-ħaddiema l-oħra, ma jkunux iżolati u demotivati, u jieħdu l-opportunità biex jakkwistaw għarfien u ħiliet ġodda u għalhekk itejbu l-impjegabilità tagħhom wara l-perjodu ta' integrazzjoni. Il-ħaddiema se jitqiegħdu ma' entitajiet li jħaddmu u li ma jagħmlux profitt għal perjodu limitat; dan jintitolahom għal għotja għall-ikel u t-trasport, l-assigurazzjoni u għotja minflok il-paga.
18. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF, li hija inkluża fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' thejġija, ġestjoni u kontroll kif ukoll it-tagħrif u l-pubbliċità.
19. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Portugiżi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli kif iddefiniti bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Portugiżi jistmaw li l-ispejjeż totali ta' dawn is-servizzi huma ta' EUR 3 494 532 u li l-ispiża għall-implimentazzjoni tal-EGF hija ta' EUR 206 500 (= 5,6 % tal-ammont totali). Il-kontribut totali mitlub mill-EGF huwa ta' EUR 2 405 671 (65 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira	L-ammont totali stmat għal kull ħaddiem fil-mira (f'EUR)	Nefqa totali (l-EGF u l-kofinanzjament nazzjonali) (f'EUR)
Servizzi personalizzati (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Azzjonijiet ta' Informazzjoni, Gwida u Medjazzjoni	400	419,22	167 688
Rikonoxximent, validazzjoni u ċertifikazzjoni tal-ħiliet	150	800,00	120 000
Taħriġ vokazzjonali	250	2 800,00	700 000
Għotja għat-taħriġ fuq inizjattiva personali	50	6 000,00	300 000
Appoġġ għas-sejba ta' impjeg mill-persuna nnifisha-	80	1 700,00	136 000
Inċentiv għar-reklutaġġ	100	3 500,00	350 000
Taħriġ fl-intraprenditorija u appoġġ tekniku	40	2 096,10	83 844
Appoġġ għall-ħolqien tan-negozji	40	30 000,00	1 200 000
Prattika fuq il-post tax-xogħol	80	3 900,00	312 000
Pjan ta' integrazzjoni	50	2 500,00	125 000
Sottotal tas-servizzi personalizzati			3 494 532
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Attivitajiet ta' tħejjija			3 500
Ġestjoni			197 000
Tagħrif u pubbliċità			3 000
Attivitajiet ta' kontroll			3 000
Nefqa sottotali għall-implimentazzjoni tal-EGF:			206 500
Nefqa totali stmata			3 701 032

Kontribut tal-EGF (65 % tan-nefqa totali)			2 405 671
--	--	--	------------------

20. Il-Portugall jikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementarji mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali. Il-Portugall se jiżgura wkoll intraċċjar ċar ta' verifika għall-attivitajiet iffinanzjati mill-EGF, u jikkonferma li mhux se jintalab jew jintuża finanzjar ieħor tal-UE għal dawn l-attivitajiet.

Id-data/i meta tnedew jew huwa maħsub li se jitnedew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema milquta

21. Fl-1 ta' Diċembru 2009, il-Portugall beda s-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati u inklużi fil-pakkett koordinat propost lill-EGF għall-kofinanzjament. Din id-data għalhekk tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eleġibbiltà għal kull għajnuna li tista' tingħata mill-EGF.

Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali

22. L-applikazzjoni tal-EGF tressqet fil-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-IEFP,I.P. fis-17 ta' Diċembru 2009. Il-IEFP,I.P. li huwa wkoll l-Awtorità tal-Ġestjoni u tal-Flas għall-EGF fil-Portugall, huwa korp magħmul minn tliet entitajiet. L-imsieħba soċjali huma wkoll attivi fost il-partijiet interessati li jappoġġaw id-dħul mill-ġdid tal-ħaddiema ta' Qimonda fis-suq tax-xogħol.
23. L-awtoritajiet Portugiżi kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġislazzjoni nazzjonali u tal-Komunità li jikkonċernaw is-sensji kollettivi ġew sodisfatti.

Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi

24. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Portugiżi fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribut finanzjarju mill-EGF ma jhux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
 - taw prova li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u m'għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
 - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċevux għajnuna minn strumenti finanzjarji Komunitarji oħra.
25. Fil-passat Qimonda Portugal nġhatat kemm għotjiet tal-FEŻR u kif ukoll tal-FSE. Dawn l-għotjiet qed jiġu segwiti separatament mill-mezzi xierqa. Il-kontribut tal-EGF fil-proposta preżenti ma jinvolvi il-kumpanija u l-kumpanija lanqas mhu se tkun involuta fl-implimentazzjoni tiegħu. Il-kontribut tal-EGF propost hawnhekk se jintuża esklussivament fuq miżuri tal-politika attiva tax-xogħol biex l-ex ħaddiema ta' Qimonda jiġu megħjuna jergħu jidħlu fis-suq tax-xogħol malajr kemm jista' jkun.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

26. Il-Portugall innotifika lill-Kummissjoni li l-kontribut finanzjarju se jitmexxa u jiġi kkontrollati mill-*Instituto do Emprego e Formação Profissional, I.P.*, is-servizz pubbliku tal-impjiegi. Il-ġestjoni teknika u amministrattiva ġenerali ssir mid-Dipartiment tal-Impjiegi, permezz ta' Kumitat tal-Koordinazzjoni tal-Interventi tal-EGF, li jinkludi rappreżentanti tad-Dipartiment tat-Taħriġ Vokazzjonali, id-Dipartiment tal-Kontroll Finanzjarju u Amministrattiv u d-Delegi Reġjonali tar-reġjun ta' Norte. Il-ġestjoni finanzjarja ġenerali se tkun fidejn id-Dipartiment ta' Kontroll tal-Finanzi u l-Ġestjoni. L-approvazzjoni u l-ħlas tal-ġhajna huma r-responsabbiltà tad-Delegazzjonijiet Reġjonali tar-reġun ta' Norte. Iċ-Ċentri tal-Impjiegi u l-Entitajiet *Sħab* tal-muniċipalitajiet l-aktar affettwati se jkunu qed iwettqu l-biċċa l-kbira tal-miżuri attivi. Il-Portugall ikkonferma li l-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet fost u fi ħdan l-entitajiet rilevanti se jiġi rispettat.

L-*Instituto de Gestão do Fundo Social Europeu (IGFSE, I.P.)*, l-Istitut tal-Ġestjoni tal-Fond Soċjali Ewropew, se jkun responsabbli għall-verifika u l-kontroll fir-riward ta' din l-applikazzjoni tal-EGF.

Finanzjament

27. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni mill-Portugall, il-kontribut propost mill-EGF għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati huwa ta' EUR 2 405 671, li jirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokazzjoni proposta tal-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li nġhatat mill-Portugall.
28. Minħabba l-kontribut massimu possibbli mill-EGF stabbilit skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll l-ambitu tar-riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li tuża l-ammont totali msemmi hawn fuq mill-EGF, li għandu jiġi allokati taħt l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
29. L-ammont ta' kontribut finanzjarju propost jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokati għall-EGF jibqa' disponibbli biex ikun allokati matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12 (6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
30. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta biex timmobilizza l-EGF, il-Kummissjoni qiegħda tnedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, bil-għan li tikseb il-qbil taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jiġi użat l-EGF u dwar l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex, flivell politiku xieraq, tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, tissejjaħ laqgħa formali ta' trijalogu.
31. B'mod separat il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal fil-baġit għall-2010 appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas speċifiċi, kif rikjest mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors ta' appropriazzjonijiet ta' ħlas

32. Fl-istat attwali ta' implimentazzjoni, jista' jiġi previst li l-appropriazzjonijiet tal-ħlas disponibbli skont il-linja tal-baġit 01.04 05 'Tlestija tal-programm għall-intrapriżi: titjib tal-ambjent finanzjarju għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SME)' fl-2010 mhux se jintużaw kollha din is-sena.
33. L-appropriazzjonijiet ta' ħlas jiġu trasferiti f'kontijiet fiduċjarji kif meħtieġ biex jiġi żgurat li l-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) ikun jista' jagħmel pagamenti, f'kull ħin, lill-intermedjarji finanzjarji.
34. Il-kriżi finanzjarja kellha effett kbir fuq il-profil tal-pagamenti tal-istrumenti finanzjarji, partikolarment dawk fil-qasam tal-kapital ta' riskju. Skont l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kapital ta' Riskju (EVCA), l-investimenti u d-divestimenti (ħruġ) naqsu b'aktar min-nofs bejn l-2007 u l-2009 meta mqabbla mal-qagħda ta' qabel il-kriżi⁴. Dawn l-iżviluppi kellhom ukoll impatt sostanzjali fuq it-tbassir f'termini ta' pagamenti għall-2010.
35. B'konsegwenza tal-elementi ta' hawn fuq, l-appropriazzjonijiet ta' ħlas ipprovduti fil-baġit tal-2010 (EUR 35 miljun għall-MAP) mhux se jkunu meħtieġa kompletament fl-2010. L-ammont ta' EUR 2,405,671 għalhekk jista' jsir disponibbli għal trasferiment.

⁴ L-investimenti u d-divestimenti ta' kapital tar-riskju: EUR 13,1 biljun fl-2007, EUR 9,8 biljun fl-2008, EUR 5.8 biljun fl-2009 (Sors: EVCA/PEREP_Analytics for 2007-2009; Market statistics EVCA/Thomson Reuters/PwC għas-snin preċedenti).

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2009/023 PT/Qimonda mill-Portugall)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba⁵, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea⁷,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu meġhuna fl-integrazzjoni tagħhom mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-EGF twessa' għal applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi l-appoġġ għall-ħaddiema li jkunu sfaw qiegħda b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Il-Portugall ressaq applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward ta' sensji fl-intrapiża Qimonda Portugal S.A., u fis-17 ta' Diċembru 2009 u ssupplimentaha b'informazzjoni addizzjonali sat-28 ta' April 2010. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontributi finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk qed tressaq proposta biex tuża l-ammont ta' EUR 2 405 671.

⁵ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁶ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

⁷ ĠU C [...], [...], p. [...].

- (5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribut finanzjarju għall-applikazzjoni mressqa mill-Portugall.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 405 671 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President